**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 23**

It-Tlieta 13 ta' Jannar, 2015, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, , Il-Kunsillier Raymond Attard, Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. L-Ex - Ambaxxatur Jurgen Briffa kien assenti. L-Ambaxxatur Jake Scerri kien preżenti.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 22 li saret nhar It-Tlieta 2 ta' Diċembru, 2014, fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Il-Minority leader Dr Norman Shaw staqsa dwar il-bye-law li ssemmiet f' punt 2.3 tal-minuti preċedenti u nforma lis-Segretarju Ezekuttiv biex tintbgħat lill-kunsillieri kollha.

1.2 Il-Minority leader Dr Norman Shaw staqsa dwar l-expression of interest li dehret fil-gazzetta. Is-Sindku Prof Alexiei Dingli fakkar dwar dak li kien diskuss f'laqgħat preċendenti.

1.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar il-laqgħa li ser terga ssir il-gimgħa d-dieħla mal-Mc Donalds biex it-tindif jibda jsir il-ħin kollu.

1.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li Toni Sant id-Direttur Artistiku tal-V18 ser jagħmel laqgħa għan-nies għada fil-Kavallier ta' San Gakbu fis-7pm.

1.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li CVA Technology u Transport Malta bgħatu risposta dwar CVA desk u anke l-obligu ta' TM lejn il-Kunsill. Il-Kunsill ma kienx sodisfatt bil-kontro-proposta u qabel li CVA Technology għandhom iħalsu lil Kunsill €500.00 fix-xahar.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar il-progetti Kapitali tal- parking tad-ditch fis-sit tal-Yellow Garage.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar korrispondenza li kellu mal-Ministru Owen Bonnici dwar l-ufficji tal-Kunsill il-godda.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li f'din il-laqgħa jilqa lill-Ambaxxatur taz-zgħazagħ Jake Scerri. Is-Sindku stieden lil Jake biex aktar il-quddiem fil-laqgħa jagħmel introduzzjoni tiegħu.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li jinsab diżappuntat dwar l-applikazzjoni ta' A+ minħabba li l-kunsill qas biss irċieva feedback u jidher li l-fondi ġew imqassma.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-works coordinator għandu jdur mal-belt u jara nuqqasijiet kollha li hemm biex imbgħad jkun jista jikteb lid-dipartment biex jiggustifika għalfejn il-kunsill ma jistax jingħata fondi bħal kunsilli oħra.

2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ressaq quddiem il-Kunsill l-performance bonus ta' Impjegati.

i. Gabriella Agius - Segretarju Ezekuttiv 10%
ii. Matthew Carbonaro - Town Centre Manager 6%
iii. Elaine Caruana – EU and International Affairs 6%
iv. Tony Galea – Clerk 6%
v. Emy Micallef – Clerk 6%
vi. Joseph Griffiths – Works Coordinator 6%
vii. Clive Schembri – Receptionist 6%
viii. Malcolm Bezzina – ETC - 6%

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ppropona u l-Viċi Sindku Christian Micallef ssekonda. Kunsill unanimament approva li jitħallsu l-bonus bir-rati indikati ħdejn kull isem.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa għalfejn għadhom ma ħargux it-tenders tat-tindif. Is-Sindku nforma li qed jistenna risposta min għand il-Ministru Bonnici dwar l-allokazzjoni li qed jingħata l-kunsill peress li din mhux bizzejjed biex tkopri l-ispejjez tat-tindif.

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa għal fejn l -parkegg ħdejn l -iskola nżebah aħdar. Is-Sindku nforma li l-kunsill kien ilu sena (Dicembru 2013) li qabel li dawk il-parkeggi kellhom isiru residenzjali u madwar sena ilu (Jannar 2014) intbgħatet talba lil TM.

3.3 L-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li kien ferm diżappuntat li segretarja kitbet email lil Minority Leader fejn qalet li li dawn huma residenti tiegħu biex jieħu passi u jgħin fl-approvazzjoni tal-parking bays. Il-Kunsill Azzopardi b'mod aggessiv nforma li rraporta l-kas il-partit u anke lid-dipartiment. Is-Segretarja nfurmatu li dik kienet email personali lli ntbgħatet lil Norman Shaw u ma kellha qatt tingħata lilu. Hi spjegat li ir-residenti ghandhom ikunu il-prijorita ta' kull kunsillier qabel entitajiet ohra. Meta rat dan l-għagir nfurmat lil Kunsill Azzopardi biex ma jkellimiex b'dan il-mod meta jaf li għandu kas pendenti l-qorti. Il-Kunsillier Azzopardi nforma li l-kas tal-qorti rebħu hu. Is- Segretarja nfurmatatu li l-kas l-qorti għadu għaddej . Il-Kunsillier Azzopardi attakka kemm lis -Sindku u lis -Segretarja u anke iddikjara li l-progetti ewropej speċjalment taz-zgħazagħ huma ħela ta flus.

4. **KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR**

L-Ambaxxatur Jake Scerri nforma lil Kunsill dwaru u nforma li l-aspirazzjonijiet tiegħu huma li aktar zgħazagħ beltin jkomplu jistudjaw peress li bħalissa hemm ftit zgħazagħ li jagħmlu dan.

5. **KORRISPONDENZA**

5.1 Korrispondenza min għand Perit Nicholas Mallia biex titranga bankina viċin il -propjeta tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinkiteb ittra lil waterservices biex din titranga min naħa tagħhom minhabba li il-hsara saret mil-waterservices.

5.2 Korrispondenza min għand d-Direttur ta' Nativity Meusum biex isiru bollards quddiem il-bieb. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.3 Korrispondenza min għand il-Perit William Lewis għal no objection għal imwejjed u siggijiet quddiem il-ħanut tas-Sur Pablo Esposito. Is-Segretarja nfurmat li f'din l-area partikolari kienet nfurmata mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto biex ma jinħareg l-ebda permess.

5.4 Korrispondenza min għand Roberta Grech Access dwar il-proġett Leap li l-Kunsill se jkun parteċipi fih.

6. **AMMINISTRAZZJONI**

6.1 Nfurmat li rċeviet korrispondenza mid-dipartiment dwar l-allokazzjoni totali (€700,223.00) li ser tigi moddija għas-sena 2015. Bħas-sena l-oħra nfurmat li l-allokazzjoni mhux qed tkopri l-ispejjes tal-Kunsill tal-Belt Kapitali. Nfurmat li fil-passat il-Kunsill lokali kien japplika għal fondi min skemi li dawn m'għadhomx joħorgu. Fakkret ukoll li il-kunsill kin qabel li jnaqqas is-servizz tal-ġbir ta' iskart biex itaffi ftit mill-over spending.

6.2 Nfurmat li bħal snin preċedenti ser isir ic-Chinese Spring Festival u aktar dettalji ser jintbagħtu aktar il-quddiem.

6.3 Nfurmat li wara li saret applikazzjoni għal ko-finanzjament din ġiet approvata u l-kunsill ser jingħata l-ammont €11,492.00 biex ikopri spejjes mhux koperti mill-proġett – 'Youth With a Capital Y. '

6.4 Is-Segretarja nfurmat li wara li saret applikazzjoni ġdida għal proġett ieħor taż-żgħażagħ parti mill-program Erasmus + dan ġie approvat. Dan ifisser proġett ieħor fejn zgħazagħ Beltin ser ikun qed jieħdu sehem fi *Training Camp* din is-sena 2015.

**TMIEM**

Fl-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 3 ta' Frar 2015 fit -18:30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku